Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/101/PESK

tal-15 ta' Frar 2011

dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

(ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/97/PESK tas-17 ta' Frar 2012	L 47	50	18.2.2012
►**M2**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/124/PESK tas-27 ta' Frar 2012	L 54	20	28.2.2012
►**M3**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/89/PESK tat-18 ta' Frar 2013	L 46	37	19.2.2013
►**M4**	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/160/PESK tas-27 ta' Marzu 2013	L 90	95	28.3.2013

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 100, 14.4.2011, p. 74 (2011/101/PESK)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/101/PESK

tal-15 ta' Frar 2011

dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/92/PESK ([2]), adottata fil-15 ta' Frar 2010, estendiet il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK sal-20 ta' Frar 2011.

(3) Abbażi ta' rieżami tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK, il-miżuri restrittivi għandhom jiġġeddu sal-20 ta' Frar 2012.

(4) Madankollu, m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni jinżammu fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

(5) Il-miżuri implimentattivi tal-Unjoni huma mniżżlin fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittrivi fir-rigward taż-Żimbabwe ([3]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, it-terminu "assistenza teknika" għandu jfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswija, żvilupp, fabbrikazzjoni, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni jew kull servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni tat-tagħrif fuq ix-xogħol jew prattika jew servizzi ta' konsulenza; l-assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza.

Artikolu 2

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna, liż-Żimbabwe:

(a) minn ċittadini tal-Istati Membri,

(b) mit-territorji tal-Istati Membri, jew

(c) bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru bil-bandiera tal-Istati Membri

([1]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.
([2]) ĠU L 41, 16.2.2010, p. 6.
([3]) ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1.

▼B

għandu jkun ipprojbit kemm jekk joriġinaw fit-territorji ta' l-Istati Membri u kemm jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) l-għoti, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' assistenza teknika, l-għoti ta' servizzi ta' senserija u servizzi oħra li huma relatati ma' attivitajiet militari u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjali relatati ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lill-kwalunkwe persuna, entità jew korp fiż-Żimbabwe jew destinati li jiġu utilizzati hemmhekk;

(b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari, inklużi, b'mod partikolari, għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjali relatati, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, direttament jew indirettament lil kuwalunkwe persuna, entità jew korp fiż-Żimbabwe jew destinati li jiġu utilizzati hemmhekk.

▼C1

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2 m'għandux japplika:

(a) għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li mhux letali jew ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini istituzzjonali tan-NU u l-UE, jew ta' materjal maħsub għall- operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżi tal-UE u tan-NU;

(b) għall-għoti ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir;

(c) l-għoti ta' assistenza teknika relatata ma' tali tagħmir,

bil-kondizzjoni li kull esportazzjoni tiegħu tkun ġiet approvata minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

▼B

2. L-Artikolu 2 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn iż-Żimbabwe mill-persunal tan-NU, il-persunal tal-UE jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medja u l-ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimpedixxu d-dħul jew it-transitu fit-territorju tagħhom tal-membri tal-Gvern taż-Żimbabwe u tal-persuni fiżiċi assoċjati magħhom, kif ukoll ta' persuni fiżiċi oħrajn li l-attivitajiet tagħhom jimminaw id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe. L-individwi msemmijin f'dan il-paragrafu huma elenkati ►**M1** f'Anness 1 ◄.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jobbliga Stat Membru li jirrifjuta d-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

▼B

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru ikun marbut b'xi obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqgħa min-Nazzjonijiet Uniti jew taħt il-patroċinju tagħha;

(c) taħt xi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) skont it-Trattat ta' Konċiljazzjoni (il-Patt tal-Lateran) konkluż fl-1929 mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

Il-Kunsill għandu jkun debitament informat f'kull wieħed minn dawn il-każijiet.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll fil-każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż li jospita l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 meta l-ivvjaġġar ikun iġġustifikat għal raġunijiet umanitarji urġenti u imperattivi, jew f'każijiet eċċezzjonali għal raġuni ta' attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, fejn jiġi mmexxi djalogu politiku li jippromwovi b'mod dirett, immedjat u sinifikanti d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe.

6. Kull Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 5 għandu jgħarraf lill-Kunsill bil-miktub. Id-deroga għandha titqies li ngħatat ħlief jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw bil-miktub fi żmien 48 siegħa mir-riċevuta tan-notifika dwar id-deroga proposta. Jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, l-eżenzjoni m'għandhiex tingħata, ħlief meta Stat Membru jixtieq jagħtiha għal raġunijiet umanitarji urġenti u imperattivi. F'dan il-każ tal-aħħar, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

7. F'każijiet fejn, skont il-paragrafi 3 sa 6, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew it-transitu fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati ►**M1** f'Anness 1 ◄, l-awtorizzazzjoni għandha tkun strettament limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija u għall-persuni kkonċernati direttament minnha.

Artikolu 5

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil membri individwali tal-Gvern taż-Żimbabwe jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom kollha, jew li jappartjenu lil persuna fiżika jew ġuridika oħra li l-attivitajiet tagħha ddgħajjef serjament id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe, għandhom jiġu ffriżati. Il-persuni u l-entitajiet imsemmijin f'dan il-paragrafu huma elenkati ►**M1** f'Anness 1 ◄.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni direttament jew indirettament lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, tal-entitajiet jew tal-korpi elenkati ►**M1** f'Anness 1 ◄.

▼B

3. Eżenzjonijiet jistgħu jingħataw għall-fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) neċessarji għal spejjeż bażiċi, inklużi pagamenti għal prodotti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni u servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li tħallsu b'rabta mal-għoti ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' drittijiet jew spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni normali jew mal-kustodja tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji.

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew li saru qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal miżuri restrittivi,

bil-kondizzjoni li tali imgħax, dħul u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 6

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta modifiki għal-lista li tinsab ►**M1** f'Anness I ◄ kif meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fiż-Żimbabwe.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar tagħha fil-lista, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, direttament, jekk l-indirizz tagħha jkun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li tipprovdi lil dik il-persuna jew entità possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu sottomessi osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza ġdida sostanzjali, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 7

1. ►**M1** L-Anness I ◄ għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet fil-listi.

2. ►**M1** L-Anness I ◄ għandu jinkludi wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni fiċiżi u ġuridiċi jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, isses, l-indirizz, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-persuni ġuridiċi jew l-entitajiet, din l-informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-indirizz professjonali.

▼B

Artikolu 8

Sabiex tkabbar kemm jista' jkun l-impatt tal-miżuri msemmijin hawn fuq, l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk li jinsabu f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 9

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK hija b'dan imħassra.

▼M3

Artikolu 10

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Frar 2014.

▼M4

3. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) u (2), sa fejn japplikaw għall-persuni u entitajiet elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sal-20 ta' Frar 2014. Is-sospensjoni għandha tiġi riveduta kull tliet xhur.

▼M3

4. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha ma ntlaħqux.

▼M1

ANNESS I

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLI 4 U 5

I. **Persuni**

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
1.	Mugabe, Robert Gabriel	President, imwieled fil-21.2.1924; Passaport AD001095.	Kap tal-Gvern u responsabbli għal attivitajiet li jimminaw serjament id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.
2.	Abu Basutu, Titus Mehliswa Johna	Ġeneral tal-Korpi tal-Ajru, Matebeleland South. Imwieled 2.6.1956	Uffiċjal militari anzjan, involut direttament fil-kampanja ta' terrur imwettqa qabel u matul l-elezzjonijiet fiż-żona ta' Gwanda. Deputat għall-Marixall tal-Ajru Perence Shiri (100 fuq il-lista).
3.	Bonyongwe, Happyton Mabhuya	Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Ċentrali tas-Servizzi Sigrieti, imwieled fis-6.11.1960; Passaport: AD002214; ID: 63-374707A13	Membru anzjan tas-sigurtà assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF (Zimbabwe African National Union – Patriotic Front) u kompliċi fil-formazzjoni jew it-tmexxija tal-politika ripressiva tal-istat. Akkużat bil-ħtif, it-tortura u l-qtil ta' attivisti tal-MDC f'Ġunju 2008.
4.	Buka (magħrufa wkoll bħala Bhuka), Flora	Uffiċċju tal-President (ex-Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Speċjali responsabbli għall-Programmi tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni, ex-Ministru tal-Istat fl-uffiċċju tal-Viċi President u ex-Ministru tal-Istat għar-Riforma tal-Artijiet fl-Uffiċċju tal-President), imwielda fil-25.2.1968.	Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Viċi President Nkomo Responsabbli għall-organizzazzjoni ta' vjolenza fiż-żona ta' Gokwe u l-immirar tal-mexxejja tal-MDC fl-2008.
5.	Bvudzijena, Wayne	Assistent Kummissarju tal-Pulizija, Kelliem għall-Pulizija; Imwieled 24.4.1958. ID: 29-008792V71	Membru anzjan tal-forza tal-pulizija. Kelliem għall-pulizija. Fl-2008 akkuża lill-MDC li ta kenn lil dawk responsabbli għall-vjolenza elettorali fil-kwartieri ġenerali provinċjali u nazzjonali tal-MDC.
▼M3 ___			
▼M1 7.	Charamba, George	Segretarju Permanenti, Dipartiment tal-Informazzjoni u l-Pubbliċità, imwieled fl-4.4.1963; Passaport AD002226; Passaport AD001255 ID: 07-003617B07	Impjegat anzjan tas-servizz ċivili assoċjat mill-qrib mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
8.	Chidarikire, Faber Edmund	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland West, ex-Sindku ta' Chinhoyi, imwieled fis-6.6.1946; ID: 70-056539L70	Ex-sindku taż-ZANU-PF f'Chinoyi u gvernatur provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
▼M3 ___			
▼M1 10.	Chigwedere, Aeneas Soko	Gvernatur Provinċjali: Mashonaland East, ex-Ministru, imwieled fil-25.11.1939. ID 25-15430J80	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
11.	Chihota, Phineas	Viċi Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Internazzjonali. Imwieled 23.11.1950.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Hedded partitarji tal-MDC bil-mewt u huwa assoċjat mas-sekwestru u t-tortura ta' nies f'Ġunju 2008.
12.	Chihuri, Augustine	Kummissarju tal-Pulizija, imwieled fl-10.3.1953. Passaport AD000206. ID 68-034196M68	Uffiċjal anzjan tal-pulizija u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt, assoċjat mill-qrib mal-politiki ripressivi taż-ZANU-PF. Stqarr pubblikament li jappoġġa liż-ZANU-PF f'kontravenzjoni tal-Att tal-Pulizija. F'Ġunju 2009 ordna lill-pulizija biex iwaqqgħu l-każijiet kollha relatati mal-qtil li twettaq fiż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali ta' Ġunju 2008.
13.	Chinamasa, Patrick Anthony	Ministru tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Legali u Parlamentari, imwieled fil-25.1.1947. ID 63-005591M42.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
14.	Chindori-Chininga, Edward Takaruza	Ex-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fl-14.3.1955. Passaport AN388694. ID 63-377216C71.	Ex-membru tal-Gvern b'rabtiet attwali mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF bħala Membru tal-Parlament taż-ZANU-PF. Kmandant tal-bażijiet tal-milizja f'Guruve fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet tal-2008.
15.	Chinotimba, Joseph	Viċi President taż-Zimbabwe National Liberation War Veterans Association, mexxej tal-milizja taż-ZANU-PF. Imwieled 6.6.1957. ID 63-312672W11.	Matul l-elezzjonijiet tal-2008 Chinotimba mexxa grupp li qered id-dar ta' Admore Chibutu. Flimkien ma' membri tal-armata u partitarji taż-ZANU-PF huwa attakka d-dar ta' Tongeyi Jeremiah f'Mejju 2008.

▼M3

—

▼M1

17.	Chipwere Augustine	Brigadier Ġenerali, ex-Kurunell, Bindura South	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur ta' qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Responsabbli għal taqlib politiku f'Bindura. Uffiċjal militari anzjan, promoss mill-Presidents fl-2011.
18.	Chiwenga, Constantine	Kmandant tal-Forzi ta' Difiża taż-Żimbabwe, Ġeneral (ex-Kmandant tal-Armata, Logutenent Ġeneral), imwieled fil-25.8.1956. Passaport AD000263. ID 63-327568M80	Membru tal-Kmand Operattiv Konġunt u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Uża l-armata għall-akkwisti ta' azjenda agrikola. Matul l-elezzjonijiet tal-2008 kien arkitett prim tal-vjolenza assoċjata mal-proċess taż-żmien ta' qabel l-elezzjoni Presidenzjali.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
19.	Chombo, Ignatius Morgan Chiminya	Ministru tal-Gvernijiet Lokali, l-Izvilupp Urban u Rurali, imwieled fl-1.8.1952. Passaport AD000500. ID 70-086938D70.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u responsabbli għal ħidma li mminat lill-MDC fil-gvern lokali bir-restrizzjoni ta' finanzjament u b'molestja.
20.	Dinha, Martin	Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland Central.	Gvernatur provinċjali assoċjat mal-fazzjoni taż-ZANU-PF tal-gvern. Involut fit-tfixkil ta' azjenda agrikola fil-konċessjoni tal-villaġġ ta' Rockwood fl-2009.
21.	Goche, Nicholas Tasunungurwa	Ministru tat-Trasport, il-Komunikazzjoni u l-Iżvilupp Infrastrutturali (ex-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċju tal-President), imwieled fl-1.8.1946. ID 63-355978S68	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Ġunju 2008 uża l-forza fuq l-NGOs kollha biex iwaqqfu x-xogħol tagħhom fuq il-post u d-distribuzzjoni tal-ikel. Responsabbli għall-bażi tal-milizja f'Shamva u implikat fi vjolenza f'dik iż-żona.
22.	Gono, Gideon	Gvernatur tar-Reserve Bank (bank ċentrali) taż-Żimbabwe, imwieled fid-29.11.1959. Passaport AD000854. ID 58-001824K07	Rabtiet mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika ripressiva tal-istat. Idderieġa fondi illegalment għaż-ZANU-PF fl-2008.
23.	Gurira, Cephas T.	Brigadier; ex-Kurunell, Forzi tad-Difiża taż-Żimbabwe.Imwieled 1.5.1963. ID 29-061056D29	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Responsabbli għall-inċitament ta' vjolenza f'Mhondoro.
24.	Gwekwerere, Stephen (magħrufa wkoll bħala Steven)	Kurunell, Chinhoyi.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet. Parti mill-grupp li attakka persuni f'Chinoyi fl-2008.
25.	Kachepa, Newton	Membru Parlamentari għal Mudzi North. Imwieled 10.2.1970. ID 32-088209M48	Membru Parlamentari, involut fil-qtil ta' Peter Tom Butao fl-14 ta' April 2008 u ta' Kingswell Mateta f'Lulju 2008. Huwa mexxa t-tortura ta' ħafna partitarji tal-MDC fil-kostitwenza tiegħu.
26.	Karakadzai, Mike Tichafa	Air Commodore, Harare Metropolitan Province. Imwieled 7.3.1957. ID 63-632526N13.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet billi mexxa s-sekwestri u l-vjolenza f'Harare fl-2008.
27.	Kasukuwere, Saviour	Viċi Ministru tal-Iżvilupp taż-Żgħażagħ u l-Indiġenizzazzjoni u l-Emanċipazzjoni u Deputat Segretarju għall-Affarijiet taż-Żgħażagħ tal-Politburo taż-ZANU-PF, imwieled fit-23.10.1970. ID 45-046113Q45.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza lil dawk involuti f'rewwixti vjolenti f'Harare fi Frar 2011.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
28.	Kazangarare, Jawet	Kunsillier taż-ZANU-PF f'Hurungwe North u veteran tal-gwerra.. Imwieled 12.4.1957. ID 38-102814B58.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur orkestrata mill-gvern li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet fl-2008. Responsabbli għat-tmexxija tal-persekuzzjoni vjolenti ta' partitarji tal-MDC f'Hurungwe, li tinkludi stupru, qtil u qerda ta' djar u involut b'mod partikolari fil-qtil ta' Tapiwa Mubwanda, aġent elettorali tal-MDC f'Hurungwe North f'Mejju 2008.
29.	Khumalo, Sibangumuzi	Brigadier Ġeneral, Matebeland North. Imwieled 16.8.1954. ID 08-448357W73.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet. Fi Frar 2011, huwa ġie allegat li kien parti mill-istrateġija għat-twettiq ta' vjolenza u terrur billi bagħat uffiċjali anzjani għall-koordinazzjoni ta' kampanja mmirata biex iżżomm lil Mugabe fil-poter.
30.	Kunonga, Nolbert (magħruf ukoll bħala Nobert)	Isqof Anglikan awto-proklamat.	Sostenitur voċiferuż tar-reġim. Dawk li segwewh kienu appoġġati mill-pulizija fit-twettiq ta' atti ta' vjolenza kontra s-sostenituri tal-knisja fl-2011.
31.	Kwainona, Martin	Assistent Kummissarju, imwieled fid-19.1.1953; Passaport AD001073. ID 63-293627V45	Uffiċjal anzjan tal-pulizija, ta ordnijiet lill-awtoritajiet lokali biex jinstigaw vjolenza fil-Villaġġ ta' Kanyuchi, f'Mount Darwin f'April 2008.

▼M3

—

▼M1

33.	Langa, Andrew	Viċi Ministru tas-Servizz Pubbliku (ex-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni). Imwieled 13.1.1965. ID 21-017934E21.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Fl-2005 fetaħ in-nar fuq 11-il membru tal-Assemblea taż-Żgħażagħ tal-MDC. Intimida votanti f'jum l-elezzjoni tal-2008.
34.	Mabunda, Musarashana	Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Imwieled 11.11.1958. ID 22-026198T13	Membru tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà ġenerali għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà għal assemblea paċifika. Mexxa s-swat, it-tortura u r-ripressjoni tal-11 ta' Marzu 2007. F'Ġunju 2008 hedded li joqtol lil Lovemore Madhuku.
35.	Machaya, Jason (magħruf ukoll bħala Jaison) Max Kokerai	Gvernatur Provinċjali: Midlands. Ex-Viċi Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, imwieled fit-13.6.1952. ID 26-003018Z26.	Gvernatur Provinċjali: Midlands. Assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Għamel użu minn influwenza biex jimblokka l-investigazzjoni ta' qtil b'motivi politiċi li allegatament twettaq minn ibnu.
36.	Made, Joseph Mtakwese	Ministru tal-Inġinerija u l-Mekkanizzazzjoni Agrikola (ex-Ministru tal-Agrikoltura u l-Izvilupp Rurali), imwieled fil-21.11.1954. Passaport AN000144. ID 29-128547N42	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
37.	Madzongwe, Edna (magħrufa wkoll bħala Edina)	President tas-Senat taż-ZANU-PF, imwielda fil-11.7.1943. ID 63-748119H32	Membru tal-politburo taż-ZANU-PF. Għamel użu minn influwenza biex jimmotiva prosekuzzjonijiet politiċi fi Frar 2008. Involut fi vjolenza f'Chegutu inkluż fl-akkwist ta' Stockade Citrus Estate fl-2008, billi ta ordnijiet diretti lil dawk li mexxew ir-ripressjoni.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
▼M3 ——			
▼M1 39.	Maluleke, Titus	Gvernatur Provinċjali: Masvingo (ex-Viċi Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport u l-Kultura).	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-membri tal-gvern taż-ZANU-PF. Appoġġa pubblikament l-invażjonijiet tal-art f'Masvingo fl-2009.
40.	Mangwana, Paul Munyaradzi	President tal-Kumitat ta' Għażla Kostituzzjonali (COPAC) u ex-Ministru tal-Istat għall-Indiġenizzazzjoni u l-Emanċipazzjoni, imwieled fl-10.8.1961. Passaport AD000459. ID 22-017031E12	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Sponsorja u mexxa attivitajiet tal-klikek ta' terrur taż-ZANU-PF fiċ-Ċentru ta' Chivi f'Mejju/Ġunju 2008.
41.	Marumahoko, Reuben	Viċi Ministru tal-Integrazzjoni Reġjonali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali u ex-Viċi Ministru tal-Affarijiet Barranin (ex-Viċi Ministru tal-Affarijiet Interni), imwieled fl-4.4.1948. ID 63-311317Y71	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Kmandant tal-milizja taż-ZANU-PF f'Hurungwe. Ma' grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF u veterani tal-gwerra, huwa attakka lil partitarji tal-MDC u qered diversi djar fid-distrett ta' Hurungwe bejn April u Lulju 2008.
▼M3 ——			
▼M1 43.	Masuku, Angeline	Gvernatur Provinċjali: Matabeleland South u Segretarju għall-Persuni b'Diżabbiltà u l-Iżvantaġġati tal-Politburo taż-ZANU-PF, imwielda fl-14.10.1936. ID 08-266228E19	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
44.	Mathema, Cain Ginyilitshe Ndabazekhaya	Gvernatur Provinċjali, Bulawayo. Imwieled 28.1.1948. ID 63-682168J73	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF.
45.	Mathuthu, Thokozile (magħruf ukoll bħala Sithokozile)	Gvernatur Provinċjali: Matabeleland North u Deputat Segretarju għat-Trasport u l-Ħarsien Soċjali tal-Politburo taż-ZANU-PF.	Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. F'Ġunju 2008 għamel użu mill-pożizzjoni tiegħu biex jinstiga mibegħda kontra partitarji tal-MDC.
46.	Matibiri, Innocent Tonderai	Viċi Kummissarju tal-Pulizija. Imwieled 9.10.1968. ID 63-729730V70.	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà, konness mal-qtil ta' ħaddiem ta' azjenda agrikola.
47.	Matiza, Joel Biggie	Ex-Viċi Ministru tal-Akkomodazzjoni Rurali u l-Faċilitajiet Soċjali, imwieled fis-17.8.1960. Passaport ZA557399.	Ex-Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza bażijiet fil-Punent u t-Tramuntana ta' Murehwa, minn fejn partitarji taż-ZANU-PF issorveljati minnu, qatlu lil Edward Pfuka fis-17 ta' Ġunju 2008 u lil Moses Nyada fid-19 ta' Ġunju 2008.
48.	Matonga, Brighton (magħruf ukoll bħala Bright)	Ex-Viċi Ministru tal-Informazzjoni u l-Pubblikità, imwieled fl-1969.	Ex-Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Kelliem għall-partit. Mexxa grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF li qatlu lill-mara ta' Dadidrayi Chipiro.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
49.	Mhandu, Cairo (magħruf ukoll bħala Kairo)	Maġġur fil-ZNA. Imwieled 23.11.1960. ID 63-371574V15	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u wara l-elezzjonijiet fl-2008. Mexxa grupp ta' partitarji u veterani tal-gwerra li qatlu lil Gibbs Tawenga u lil Hama Ngowani fit-30 ta' Ġunju 2008.
50.	Mhonda, Fidellis	Kurunell, Rushinga. Imwieled 2.1.1958. ID 75-139696G81	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Mexxa vjolenza politika f'Rushinga.
51.	Midzi, Amos Bernard (Mugenva)	Ex-Ministru tal-Minjieri u l-Izvilupp tal-Minjieri (ex-Ministru tal-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija), imwieled fl-4.7.1952.	President tal-partit taż-ZANU-PF f'Ħarare. Ex-membru tal-Gvern assoċjat mal-fazzjoni tal-gvern taż-ZANU-PF. Organizza konvoj ta' partitarji u suldati taż-ZANU-PF li attakkaw persuni u qerdu djar f'Ġunju 2008. Marbut ma' vjolenza f'Epworth, billi appoġġa bażijiet ta' milizja fl-2008 u għal darb'oħra fl-2011.
52.	Mnangagwa, Emmerson Dambudzo	Ministru tad-Difiża, imwieled fil-15.9.1946. Passaport AD00060. ID 63-450183P67	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt.
53.	Mohadi, Kembo Campbell Dugishi	Ko-Ministru tal-Affarijiet Interni (ex-Viċi Ministru tal-Gvernijiet Lokali, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Akkomodazzjoni Nazzjonali), imwieled fil-15.11.1949. ID 02-012912X02	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt.

▼M3

—

▼M1

55.	Moyo, Jonathan Nathaniel	Ex-Ministru tal-Istat għall-Informazzjoni u l-Pubbliċità fl-Uffiċċju tal-President, imwieled fit-12.1.1957. Passaport AD000432. ID 63-857281M73	Ex-Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Instiga vjolenza u mibegħda, u arkitett ta' liġijiet li jimpedixxu l-libertà tal-espressjoni.
56.	Moyo, Sibusio Bussie	Brigadier Ġenerali tal-ZNA.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u wara l-elezzjonijiet, inkluż fil-qtil ta' partitarji tal-MDC.
57.	Moyo, Simon Khaya	President tal-Politburo taż-ZANU-PF, Viċi Segretarju għall-Affarijiet Ġuridiċi, Imwieled 1.10.1945. Passaport ZD001512. ID 63-735452P56	Membru tal-politburo taż-ZANU-PF b'rabtiet attwali mal-politika ripressiva tiegħu.

▼M3

—

▼M1

59.	Mpofu, Obert Moses	Ministeru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri, ex-Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ Industrijali (ex-Gvernatur Provinċjali: Matabeleland North) (Viċi Segretarju għas-Sigurtà Nazzjonali tal-Politburo taż-ZANU-PF), imwieled fit-12.10.1951. Passaport ZD001549. ID 08-186074F79.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2008 inċita lil partitarji taż-ZANU-PF biex ikeċċu lil opponenti tal-MDC minn djarhom biex iwaqqfuhom milli jivvutaw.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
▼M3 —			
61.	Muchena, Henry	Viċi Marixall tal-Ajru, Midlands. Kap tal-Kummissarjat taż-ZANU-PF.	Uffiċjal militari anzjan marbut maż-ZANU-PF, involut direttament fil-kampanja ta' terrur li twettqet qabel u matul l-elezzjonijiet. Mexxa vjolenza f'Zhombe u f'Gokwe matul l-2008.
62.	Muchena, Olivia Nyembesi (magħrufa wkoll bħala Nyembezi)	Ministru għall-Affarijiet tan-Nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-Iżvilupp tal-Komunità, ex-Ministru tal-Istat għax-Xjenza u t-Teknoloġija fl-Uffiċċju tal-President (ex-Minsitru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Viċi President Msika), imwielda fit-18.8.1946. Passaport AD000086. ID 63-337191X50.	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Konnessa ma' qtil motivat politikament u involuta personalment fil-qerda tad-dar ta' Revai Kativhu fl-1 ta' Mejju 2008.
63.	Muchinguri, Oppah Chamu Zvipange	Segretarju tal-Politburo taz-ZANU-PF, għall-Ġeneri u l-Kultura (ex-Ministru għall-Affarijiet tan-Nisa, il-Ġeneri u l-Iżvilupp tal-Komunità), imwielda fl-14.12.1958. ID 63-741411R50	ex-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF, jibqa' membru tal-Politburo taż-ZANU-PF. Kellu rwol ewlieni fil-vjolenza fil-provinċja ta' Masvingo fl-2008.
▼M3 —			
65.	Mudede, Tobaiwa (magħruf ukoll bħala Tonneth)	Reġistratur Ġenerali, imwieled fit-22.12.1942. ID 36-452750E70	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika tal-istat, b'mod partikolari fir-rigward tat-tbagħbis tal-elezzjoni.
▼M3 —			
68.	Mugabe, Grace	Imwielda fit-23.7.1965; Passaport AD001159. ID 63-646650Q70	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Ħadet taħt idejha l-Iron Mask Estate fl-2002; allegata li tikseb profitti kbar mit-thaffir għad-djamanti.
▼M3 —			
70.	Mujuru, Joyce Teurai Ropa	Viċi President (ex-Ministru tar-Rizorsi tal-Ilma u l-Izvilupp tal-Infrastruttura), imwielda fil-15.4.1955. ID 63-445325J18	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
▼M3 —			
72.	Mumbengegwi, Simbarashe Simbanenduku	Ministru tal-Affarijiet Barranin, imwieled fl- 20.7.1945; Passaport: AD001086. ID 63-677272A12	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
73.	Murerwa, Herbert Muchemwa	Ministru tal-Artijiet u tar-Riokkupazzjoni Rurali, imwieled fil-31.7.1941. Passaport AD001167. ID 25-021670R25	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
74.	Musariri, Munyaradzi	Assistent Kummissarju tal-Pulizija.	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà għal laqgħat paċifiċi, b'mod partikolari f'Murambatsvina f'Lulju 2005.
75.	Mushohwe, Christopher Chindoti	Gvernatur Provinċjali: Manicaland. (ex Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni, ex-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni), imwieled fis-6.2.1954. ID 63-101480P75	Gvernatur Provinċjali assoċjat maż-ZANU-PF. Fi Frar 2009, akkumpanjat mis-suldati, qal lill-komunità ta' Chiadzwa li kienu ser jiġu rilokati mingħajr kumpens.
76.	Mutasa, Didymus Noel Edwin	Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Presidenzjali fl-Uffiċċju tal-President, ex-Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali, ir-Riforma tal-Artijiet u r-Riokkupazzjoni fl-Uffiċċju tal-President, ZANU-PF, Segretarju għall-Amministrazzjoni, imwieled fis-27.7.1935. ID 63-358184Q42	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut fi qtil f'Manicaland.
77.	Mutezo, Munacho Thomas Alvar	Ex-Ministru għar-Rizorsi tal-Ilma u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura. Imwieled 14.2.1954. Passsport AN187189. ID 29-129727W44	Ex-membru tal-Gvern assoċjat maż-ZANU-PF. Ikkoordina kampanja ta' terrur u intimida partitarji tal-MDC f'Chimanimani West flimkien maż-Zimbabwean National Army f'Awwissu 2010.
78.	Mutinhiri, Ambros (magħruf ukoll bħala Ambrose)	Ex-Ministru għall-Iżvilupp taż-Żgħażagħ, il-Ġeneri u l-Ħolqien tal-Impjiegi, Brigadier Irtirat. Imwieled 22.2.1944. Passaport AD000969. ID 63-285106H32.	Ex-membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2008, mexxa grupp ta' partitarji taż-ZANU-PF sa Landas u attakkaw diversi partitarji tal-MDC. Stabbilixxa u appoġġa bażijiet militari f'Chihota fejn ħafna partitarji tal-MDC ġew attakkati u ttorturati.

▼M3

—

▼M1

80.	Mzembi, Walter	Ministru tat-Turiżmu u l-Industrija tal-Ospitalità, Ex-Viċi Ministru għar-Riżorsi tal-Ilma u l-Iżvilupp tal-Infrastruttura, imwieled fis-16.3.1964. ID 22-050240B22	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Responsabbli għall-organizzazzjoni ta' gruppi ta' partitarji taż-ZANU-PF biex jattakkaw residenti ta' Masvingo qabel iċ-ċelebrazzjonijiet tat-tmien anniversarju tal-MDC.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
81.	Mzilikazi, Morgan S.	Kurunell (MID), Buhera Central.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet. Involut fil-vjolenza marbuta mal-elezzjoni f'Makoni u Buhera fl-2008. F'Lulju 2008 issekwestra MP tal-MDC għal Buhera South.
82.	Nguni, Sylvester Robert	Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-President, ex-Ministru tal-Iżvilupp Ekonomiku (Ex-Viċi Ministru tal-Agrikoltura), imwieled fl-4.8.1955. jew 4.5.1955. Passaport ZE215371. ID 63-453707V32	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF
83.	Nhema, Francis Chenayimoyo Dunstan	Ministru tal-Ambjent u l-Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali, u ex-Ministru tal-Ambjent u t-Turiżmu, imwieled fis-7.4.1959. jew 17.4.1959. Passaport AD000966. ID 63-117843A66	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Settembru 2009 ġiegħel lill-operaturi tas-safari biex jirrinunzjaw sehemhom f'ranches u riżervi.

▼M3

—

▼M1

86.	Nyanhongo, Magadzire Hubert	Viċi Ministru tal-Enerġija u l-Iżvilupp tal-Enerġija, Ex-Viċi Ministru tat-Trasport u l-Komunikazzjoni. Imwieled 26.11.1957. ID 34-032890W34	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut fl-organizzazzjoni ta' vjolenza kontra l-MDC f'Epworth u Nyanga fl-2011. Involut fi qtil motivat politikament fl-2008.
87.	Nyikayaramba, Douglas	Brigadier Ġenerali, Mashonaland East. Kmandant, it-3 Brigata.	Uffiċjal anzjan involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008. Ordna lil suldati ta' rank minuri biex jikkonfrontaw lil partitarji tal-MDC f'Manicaland.
88.	Nyoni, Sithembiso Gile Glad	Ministru tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, l-iżvilupp u l-Ħolqien tal-Impjiegi, imwieled fl-20.9.1949. Passaport AD000223. ID 08-434871M67	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.

▼M3

—

▼M1

91.	Rugeje, Engelbert Abel	Maġġur Ġenerali, Provinċja ta' Masvingo. Direttur, Studji tad-Difiża, Forzi tad-Difiża taż-Żimbabwe. Imwieled 17.7.1959. ID 63-539305L04	Uffiċjali anzjan tal-armata involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet tal-2008 billi kkoordina l-parti l-kbira tal-inċidenti vjolenti f'Masvingo.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
92.	Rungani, Victor Tapiwa Chashe	Kurunell, Chikomba. Imwieled 29.6.1949. ID 22-025306Z04	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Chikomba fl-2008, inklużi attakki u sekwestri.

▼M3

—

▼M1

94.	Sakupwanya, Stanley Urayayi	Viċi Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għas-Saħħa u l-Kura tat-Tfal. Imwieled 14.5.1939. ID 63-435281R50	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Konness ma' vjolenza elettorali f'Makoni matul l-Elezzjonijiet Presidenzjali tal-2008. Kmandant ta' bażi f'Makoni użata għall-interrogazzjonijiet.
95.	Savanhu, Tendai	Viċi Segretarju taż-ZANU-PF, għat-Trasport u l-Assistenza Soċjali, imwieled fil-21.3.1968.	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Organizza milizzji biex jiġu attakkati partitarji tal-MDC f'Mbare, mexxa l-vjolenza u l-kaos, fi Frar 2011. Involut fis-sekwestru ta' nisa tal-MDC f'Ġunju 2008.
96.	Sekeramayi, Sydney (magħruf ukoll bħala Sidney) Tigere	Ministru tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali fl-Uffiċċju tal-President. Ex-Ministru tad-Difiża, imwieled fit-30.3.1944. ID 63-358166W43	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt taż-ZANU-PF
97.	Sekeremayi, Lovemore	Uffiċjal Elettorali Prinċipali.	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat, permezz tat-tbagħbis tal-elezzjoni fl-2008.
98.	Shamu, Webster Kotiwani	Ministru tal-Midja, l-Informazzjoni u l-Pubbliċità; ex-Ministru tal-Istat għall-Implimentazzjoni tal-Politika (ex-Ministru tal-Istat għall-Implimentazzjoni tal-Politika fl-Uffiċċju tal-President), imwieled fis-6.6.1945. Passaport AN203141. ID 63-676065N32	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF involut f'attivitajiet li interferew mal-libertà tal-istampa fl-2009.
99.	Shamuyarira, Nathan Marwirakuwa	Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għall-Informazzjoni u l-Pubbliċità, imwieled fid-29.9.1928 jew 29.9.1930. Passaport AD000468. ID 63-327601Y32	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF b'rabtiet qawwijin mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Involut f'attentat vjolenti ta' akkwist ta' azjenda agrikola f'Settembru 2009 li spiċċat f'attakk bi ħruq volontarju.
100.	Shiri, Perence (magħruf ukoll bħala Bigboy) Samson Chikerema	Marixxall tal-Ajru (Forza tal-Ajru), imwieled fl-1.11.1955. ID 29-098876M18	Uffiċjal militari anzjan u membru tal-Kmand Operattiv Konġunt taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat. Involut fi vjolenza politika f'Chiadzwa f'Ottubru 2008.
101.	Shungu, Etherton	Brigadier Ġenerali, Mashonaland Central.	Uffiċjal militari anzjan tal-Kommissarjat taż-ZANU-PF, involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Bindura fl-2008.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
102.	Sibanda, Chris	Kurunell, Bulawayo Province.	Involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet f'Byo fl-2008.
103.	Sibanda, Jabulani	Ex-President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Veterani tal-Gwerra, imwieled fil-31.12.1970.	Rabtiet mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat. Involut fi vjolenza kontra partitarji tal-MDC f'Makoni, Bikita, Masvingo u Guto b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programm ta' assistenza fl-2010.
104.	Sibanda, Misheck Julius Mpande	Segretarju tal-Kabinett (suċċessur għal Charles Utete), imwieled fit-3.5.1949. ID 63-685365X67	Assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. F'Marzu 2010 ta' istruzzjonijiet lill-Ministri u lis-segretarji tal-kabinett biex jirrapportaw lill-politiċi taż-ZANU-PF u mhux lill-Prim Ministru Morgan Tsvangirai.
105.	Sibanda, Phillip Valerio (magħruf ukoll bħala Valentine)	Kmandant tal-Armata Nazzjonali taż-Żimbabwe, Logutenent Ġeneral, imwieled fil-25.8.1956 jew 24.12.1954. ID 63-357671H26	Personalità anzjana tal-armata b'rabtiet mal-Gvern u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni tal-politika oppressiva tal-istat, waqt li tefa' t-tort fuq l-NGOs għall-inkwiet f'Settembru 2009.
106.	Sigauke, David	Brigadier Ġenerali, Mash West Province.	Personalità anzjana tal-armata involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet, inkluż vjolenza u tortura ta' ċittadini fil-kampijiet għat-tiftix tad-djamanti u hedded b'kolp ta' stat jekk l-MDC jirbaħ l-elezzjonijiet. Konness ma' vjolenza f'Chinhoyi fl-2008.
107.	Sikosana, (magħruf ukoll bħala Sikhosana) Absolom	Segretarju tal-Politburo taż-ZANU-PF għall-Affarijiet taż-Żgħażagħ.	Membru tal-Politburo taż-ZANU-PF assoċjat mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. Hedded li juża l-vjolenza fl-2011 jekk ma jitneħħewx is-sanzjonijiet.
108.	Tarumbwa, Nathaniel Charles	Brigadier Ġenerali, Manicaland u Mutare South. Imwieled 6.10.1960. ID 63-849216W75	Uffiċjal militari anzjan involut direttament fil-kampanja ta' terrur li seħħet qabel u matul l-elezzjonijiet. Inkarigat mill-bażi ta' tortura f'Makoni West, Mutasa Central fl-2007/2008.
109.	Tomana, Johannes	Avukat Ġenerali. Imwieled 9.9.1967. ID 50-036322F50	Membru tal-Gvern taż-ZANU-PF.
110.	Veterai, Edmore	Assistent Kummissarju Anzjan tal-Pulizija, Uffiċjal Kmandant ta' Ħarare.Imwieled 20.11.1962. ID 08-260467S04	Membru anzjan tal-forzi tas-sigurtà u b'responsabbiltà wiesgħa għal vjolazzjonijiet serji tal-libertà għal laqgħat paċifiċi, u involut fl-invażjoni ta' Farm Thirty.

▼M1

	Isem (u psewdonomi)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
▼M3 ___			
▼M1 112.	Zimondi, Paradzai Willings	Direttur tal-Ħabsijiet, imwieled fl-4.3.1947. ID 75-145185Z47	Membru tal-Kmand Konġunt Operattiv, u kompliċi fil-formazzjoni jew id-direzzjoni ta' politika oppressiva tal-istat. Responsabbli għall-finanzjament ta' milizzji fl-2008 u pprovdilhom akkomodazzjoni. Ordna lill-uffiċjali tal-ħabsijiet li jivvutaw lil Mugabe, u responsabbli għal abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-ħabsijiet.

II. **Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
1.	Cold Comfort Farm Trust Cooperative	7 Cowie Road, Tynwald, Ħarare, Żimbabwe.	Proprjetà ta' Didymus Mutasa, Grace Mugabe involuta wkoll.
2.	Comoil (PVT) Ltd	Block D, Emerald Hill Office, Emerald Park, Ħarare, Żimbabwe. 2nd Floor, Travel Plaza, 29 Mazoe Street, Box CY22344, Causeway, Ħarare, Żimbabwe.	Proprjetà ta' Saviour Kasukuwere.
▼M3 ___			
▼M1 4.	Famba Safaris	4 Wayhill Lane, Umwisdale, Ħarare, Żimbabwe; PO Box CH273, Chisipite, Ħarare, Żimbabwe.	L-azzjonista prinċipali huwa Webster Shamu.
5.	Jongwe Printing and Publishing Company (PVT) Ltd (magħrufa wkoll bħala Jongwe Printing and Publishing Co., magħrufa wkoll bħala Jongwe Printing and Publishing Company)	14 Austin Road, Coventry Road, Workington, PO Box 5988, Ħarare, Żimbabwe.	Il-fergħa tal-pubblikazzjoni assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF
6.	M & S Syndicate (PVT) Ltd	First Floor, Victory House, 88 Robert Mugabe Road, Ħarare, Żimbabwe; PO Box 1275, Ħarare, Żimbabwe.	Kumpannija tal-Investiment assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF
7.	OSLEG Ltd (magħrufa wkoll bħala Operation Sovereign Legitimacy)	Lonhoro House, Union Avenue, Ħarare, Żimbabwe.	Ikkontrollata mill-armata taż-Żimbabwe. Assoċjata mal-Ministeru tad-Difiża u mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
8.	Swift Investments (PVT) Ltd	730 Cowie Road, Tynwald, Ħarare, Żimbabwe; PO Box 3928, Ħarare, Żimbabwe.	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.

▼M1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-indikazzjoni
9.	Zidco Holdings (magħrufa wkoll bħala Zidco Holdings (PVT) Ltd)	PO Box 1275, Ħarare, Żimbabwe.	Kumpannija holding finanzjarja assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
10.	Zimbabwe Defence Industries	10th floor, Trustee House, 55 Samora Machel Avenue, PO Box 6597, Ħarare, Żimbabwe.	Assoċjata mal-Ministeru tad-Difiża u mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF.
11.	Zimbabwe Mining Development Corporation	90 Mutare Road, PO Box 2628, Ħarare, Żimbabwe.	Assoċjata mal-fazzjoni tal-Gvern taż-ZANU-PF. ZMDC taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru tal-Minjieri u l-Iżvilupp tal-Minjieri taż-ZANU-PF.

▼M4

ANNESS II

PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10(3)

I. **Persuni**

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)
1.	Abu Basutu, Titus MJ
2.	Buka (a.k.a. Bhuka), Flora
3.	Bvudzijena, Wayne
4.	Charamba, George
5.	Chidarikire, Faber Edmund
6.	Chigwedere, Aeneas Soko
7.	Chihota, Phineas
8.	Chinamasa, Patrick Anthony
9.	Chindori-Chininga, Edward Takaruza
10.	Chinotimba, Joseph
11.	Chipwere, Augustine
12.	Chombo, Ignatius Morgan Chiminya
13.	Dinha, Martin
14.	Goche, Nicholas Tasunungurwa
15.	Gono, Gideon
16.	Gurira, Cephas T.
17.	Gwekwerere, Stephen
18.	Kachepa, Newton
19.	Karakadzai, Mike Tichafa
20.	Kasukuwere, Saviour
21.	Kazangarare, Jawet
22.	Khumalo, Sibangumuzi
23.	Kunonga, Nolbert (a.k.a. Nobert)
24.	Kwainona, Martin
25.	Langa, Andrew
26.	Mabunda, Musarashana
27.	Machaya, Jason (a.k.a. Jaison) Max Kokerai
28.	Made, Joseph Mtakwese
29.	Madzongwe, Edna (a.k.a. Edina)
30.	Maluleke, Titus
31.	Mangwana, Paul Munyaradzi

▼M4

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)
32.	Marumahoko, Reuben
33.	Masuku, Angeline
34.	Mathema, Cain Ginyilitshe Ndabazekhaya
35.	Mathuthu, Thokozile
36.	Matibiri, Innocent Tonderai
37.	Matiza, Joel Biggie
38.	Matonga, Brighton
39.	Mhandu, Cairo (a.k.a. Kairo)
40.	Mhonda, Fidellis
41.	Midzi, Amos Bernard (Mugenva)
42.	Mnangagwa, Emmerson Dambudzo
43.	Mohadi, Kembo Campbell Dugishi
44.	Moyo, Jonathan
45.	Moyo, Sibusio Bussie
46.	Moyo, Simon Khaya
47.	Mpofu, Obert Moses
48.	Muchena, Henry
49.	Muchena, Olivia Nyembesi (a.k.a. Nyembezi)
50.	Muchinguri, Oppah Chamu Zvipange
51.	Mudede, Tobaiwa (a.k.a. Tonneth)
52.	Mujuru, Joyce Teurai Ropa
53.	Mumbengegwi, Simbarashe Simbanenduku
54.	Murerwa, Herbert Muchemwa
55.	Musariri, Munyaradzi
56.	Mushohwe, Christopher Chindoti
57.	Mutezo, Munacho
58.	Mutinhiri, Ambros (a.k.a. Ambrose)
59.	Mzembi, Walter
60.	Mzilikazi, Morgan S.
61.	Nguni, Sylvester
62.	Nhema, Francis
63.	Nyanhongo, Magadzire Hubert
64.	Nyoni, Sithembiso Gile Glad
65.	Rugeje, Engelbert Abel
66.	Rungani, Victor TC
67.	Sakupwanya, Stanley

▼M4

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)
68.	Savanhu, Tendai
69.	Sekeramayi, Sydney (a.k.a. Sidney) Tigere
70.	Sekeremayi, Lovemore
71.	Shamu, Webster Kotiwani
72.	Shamuyarira, Nathan Marwirakuwa
73.	Shungu, Etherton
74.	Sibanda, Chris
75.	Sibanda, Misheck Julius Mpande
76.	Sigauke, David
77.	Sikosana, Absolom
78.	Tarumbwa, Nathaniel Charles
79.	Tomana, Johannes
80.	Veterai, Edmore
81.	Zimondi, Paradzai

II. **Entitajiet**

	Isem
1.	Cold Comfort Farm Trust Co-operative
2.	Comoil (PVT) Ltd
3.	Famba Safaris
4.	Jongwe Printing and Publishing Company (PVT) Ltd (magħrufa wkoll bħala Jongwe Printing and Publishing Co., magħrufa wkoll bħala Jongwe Printing and Publishing Company)
5.	M & S Syndicate (PVT) Ltd
6.	OSLEG Ltd (magħrufa wkoll bħala Operation Sovereign Legitimacy)
7.	Swift Investments (PVT) Ltd
8.	Zidco Holdings (magħrufa wkoll bħala Zidco Holdings (PVT) Ltd)